**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 545/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Hilton Alexander**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta' Novembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1,221.53ċ) prezz ta' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, konsistenti f'servizzi tat-telefon u tat-televiżjoni, liema servizzi kienu prestati lilu fuq il-kont numru AC40102969, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut tiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi tal-ittra uffiċjali 790/15, u l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok.'A', fol. 2-5); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B', fol. 6-7); (iii) kopja

ta’ ittra uffiċjali eżekuttiva numru 790/15 preżentata mis-soċjeta’ attriċi kontra l-konvenut fil-25 ta’ Mejju 2016, li baqgħet mhix notifikata lill-konvenut (Dok.‘C’, fol. 8-9); (iv) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok.‘D’, fol. 10), u (v) affidavit ta’ Charmaine Wiffen li fih ir-rappreżentanta tas-soċjeta’ attriċi ddikjarat li l-ammont mitlub b’din il-kawża għadu dovut lill-istess soċjeta’ attriċi mill-konvenut (Dok.‘E’, fol. 11).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero’ baqa’ ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tad-19 t a’ April 2017, Marianne Camilleri għas-soċjeta’ attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta’ attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f’din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta’ attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa’ t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ elf, mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1,221.53ċ), bl-imgħax legali mill-25 ta’ Mejju 2015 data tal-preżentata tal-att ġudizzjarju interpellatorju, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**